MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 66/2004

***Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL. M., LL.D.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Lourdes Aquilina**
**Tiziana Aquilna**

**Illum, 26 ta' Frar, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Lourdes Aqulina** ta' 35 sena bint Carmelo u Giovanna *nee'* Borg, imwielda B'Kara, fit-13 ta' Frar, 1968, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 95168M u residenti 40 "Susan", Triq il-Qalb Mqaddsa, l/o B'Kara;

**Tiziana Aqulina** ta' 18-il sena bint Carmelo u Giovanna *nee'* Borg, imwielda B'Kara, fid-29 ta' Gunju, 1985, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 333985M u residenti 40 "Susan", Triq il-Qalb Mqaddsa, l/o B'Kara;

Billi intom akkuzati talli fis-27 ta' Novembru, 2003, f'dawn il-Gzejjer gewwa l-isekola primarja (pubblika) Sir Anthony Mamo fil-lokalita' ta' B'Kara:

1. Ghamiltu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-ghalliema Frances Borg I.D. 44269M hekk kif iccertifkat minn Dr. Noel Caruana M.D., liema persuna hija nkarigata skond il-ligi min servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbessawha jew li tinfluwixxu fuqha kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. W aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunajtu feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Frances Borg (I.D. No. 44269M hekk kif iccertifika Dr. Noel Caruana M.D. bi ksur ta' l-artikolu 221 (1) u 222 (1c) trispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Bi vjolenza jew b'theddid gieghltu lil Frances Borg I.D. No 44269M bhala ufficjal pubbliku li taghmel jew ma taghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghha w dan bi ksur ta' l-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Volontarjament ksirtu l-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluna biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imputati Lourdes u Tiziana Aquilina b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta' somma flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tad-19 ta’ Jannar, 2004, sabiex il-kawza kontra l-imputati tkun trattata u deciza bi procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) Kap 9, u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibhom hatja.

Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputata\i.

Rat l-artikoli 95 (1), 221 (1), 222 (1) (c), 91 u 338 (dd) tal-Kap 9.

Tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446. Tobbligahom ma jimmolestawx u\jew ma jdejjqux lil Francis Borg fuq penali ta’ Lm100 multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------